03/04/2023
ESMA35-43-3565

# Linji gwida

## Dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II

# Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni ........................................................................................................ 2

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet .............................................................. 3

III. Għan ........................................................................................................................ 5

IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar ............................................................................ 6

V. Linji gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II ......................... 7

VI. Anness - Eżempji illustrattivi tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni li joħolqu kunflitti li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu mmaniġġjati...................................................................16

VII. Tabella ta' korrelazzjoni bejn l-abbozz tal-linji gwida "ġodda" u l-linji gwida tal-2013......19

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti u għad-ditti.

**Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II kif ukoll, minn naħa waħda, ir-rekwiżiti tal-kunflitti ta' interess stabbiliti fl-Artikoli 16(3) u 23 tal-MiFID II u fl-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II fil-qasam tar-rimunerazzjoni; u min-naħa l-oħra, ir-regoli tat-tmexxija tan-negozju stabbiliti fl-Artikolu 24(1) u (10) tal-MiFID II. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jiċċaraw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' governanza fil-qasam tar-rimunerazzjoni skont l-Artikolu 9(3) tal-MiFID II.

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida japplikaw minn sitt xhur wara d-data ta' pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

4. Il-Linji gwida dwar il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni (MiFID)[1] maħruġa taħt il-MiFID I se jieqfu japplikaw fl-istess data.

[1] ESMA/2023/606.

# II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

**Referenzi leġiżlattivi**

| | |
|---|---|
| AIFMD | Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010[2] |
| CRR | Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012[3] |
| Direttiva UCITS | Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) |
| Ir-Regolament Delegat tal-MiFID II | Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva |
| Ir-Regolament tal-ESMA | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[4] |
| MiFID II | Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE[5] |

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| ESMA | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| UE | Unjoni Ewropea |

[2] ĠU L 174, 01.07.2011, p. 1-73.
[3] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1-337.
[4] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
[5] ĠU L 173, 12.06.2014, p. 349.

**Definizzjonijiet**

5. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, it-termini użati fil-MiFID II u fir-Regolament Delegat tal-MiFID II għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

6. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| ditti | ditti ta' investiment (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tal-MiFID II), istituzzjonijiet ta' kreditu (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tas-CRR) meta jipprovdu servizzi u attivitajiet ta' investiment fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(2) tal-MiFID II, ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu meta jbigħu jew jagħtu pariri lil klijenti dwar depożiti strutturati, kumpaniji ta' ġestjoni tal-UCITS u Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMs) esterni (kif definiti fl-Artikolu 5(1)(a) tal-AIFMD) meta jkunu qed jipprovdu s-servizzi ta' investiment jew is-servizzi awżiljarji elenkati fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva UCITS u fl-Artikolu 6(4) tal-AIFMD |
| kriterji kwantitattivi | prinċipalment *data* numerika jew finanzjarja li tintuża biex tiddetermina r-rimunerazzjoni ta' persuna rilevanti (eż. il-valur tal-istrumenti mibjugħa, il-volumi tal-bejgħ, l-istabbiliment ta' miri għall-bejgħ jew klijenti ġodda, eċċ.) |
| kriterji kwalitattivi | prinċipalment kriterji minbarra l-kriterji kwantitattivi. Tista' tirreferi wkoll għal *data* numerika jew finanzjarja użata biex tivvaluta l-kwalità tal-prestazzjoni tal-persuna rilevanti u/jew tas-servizz lill-klijent eż. ir-redditu fuq l-investiment tal-klijent, numru żgħir ħafna ta' lmenti fuq perjodu ta' żmien twil, eċċ. |

## III. Għan

7. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II kif ukoll, minn naħa waħda, ir-rekwiżiti tal-kunflitti ta' interess stabbiliti fl-Artikoli 16(3) u 23 tal-MiFID II u fl-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II fil-qasam tar-rimunerazzjoni; u min-naħa l-oħra, ir-regoli ta' tmexxija tan-negozju stabbiliti fl-Artikolu 24(1) u (10) tal-MiFID II. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jiċċaraw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' governanza fil-qasam tar-rimunerazzjoni skont l-Artikolu 9(3) tal-MiFID II.

8. L-ESMA tistenna li dawn il-linji gwida jippromwovu aktar konverġenza fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II u tar-rekwiżiti tal-kunflitti ta' interess u tat-tmexxija tan-negozju tal-MiFID II u fl-approċċi superviżorji għalihom fil-qasam tar-rimunerazzjoni billi jiġu enfasizzati għadd ta' kwistjonijiet importanti, u b'hekk jissaħħaħ il-valur tal-istandards eżistenti. Billi tgħin fl-iżgurar tal-konformità tad-ditti mal-istandards regolatorji, l-ESMA tantiċipa tisħiħ korrispondenti tal-protezzjoni tal-investitur.

9. Il-linji gwida ma jirriflettux obbligi assoluti. Għal din ir-raġuni, il-kelma "għandhom" (*should*) tintuża spiss. Madankollu, il-kelmiet "għandhom" (*shall*), "iridu" (*must*) jew "meħtieġa" (*required to*) jintużaw meta jiġi deskritt rekwiżit tal-MiFID II jew tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

# IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

### Status tal-linji gwida

10. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

11. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn linji gwida partikolari jkunu mmirati primarjament għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, għandhom jiżguraw li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-linji gwida.

### Obbligi ta' rapportar

12. Fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jridu jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda biħsiebhom li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u mhumiex biħsiebhom li jikkonformaw mal-linji gwida.

13. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw ukoll lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida.

14. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.

15. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk humiex konformi ma' dawn il-linji gwida.

# V. Linji gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II

## V.I TFASSIL TAL-POLITIKI U TAL-PRATTIKI TA' RIMUNERAZZJONI

**Leġiżlazzjoni rilevanti: l-Artikoli 16(3), 23 u 24(10) tal-MiFID II kif ukoll l-Artikoli 27 u 34 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II**

*Linja Gwida 1*

16. Meta jkunu qed ifasslu l-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II u, speċjalment, fejn ir-rimunerazzjoni jkun fiha komponenti varjabbli, id-ditti għandhom jiddefinixxu kriterji xierqa biex l-interessi tal-persuni rilevanti u tad-ditti jiġu allinjati ma' dawk tal-klijenti. Tali kriterji li jallinjaw l-interessi tal-persuni rilevanti u tad-ditti ma' dawk tal-klijenti għandhom jippermettu lid-ditti jivvalutaw il-prestazzjoni tal-persuni rilevanti.

17. Sabiex jagħmlu dan u f'konformità mal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, id-ditti għandhom iqisu l-kriterji kwalitattivi li jħeġġu lill-persuni rilevanti biex jaġixxu fl-aqwa interessi tal-klijent. Eżempji ta' kriterji kwalitattivi xierqa jinkludu l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji bħar-regoli tat-tmexxija tan-negozju (b'mod partikolari, ir-rieżami tal-adegwatezza tal-istrumenti mibjugħa mill-persuni rilevanti lill-klijenti, jekk rilevanti) u l-proċeduri interni, it-trattament ġust tal-klijenti u s-sodisfazzjon tal-klijent.

18. Il-kriterji kwalitattivi użati mid-ditti fil-politiki u fil-prattiki ta' rimunerazzjoni tagħhom għandhom ikunu definiti u dokumentati b'mod suffiċjenti u ċar biex jiġi żgurat li ma jkunux qed jintużaw biex indirettament jintroduċu mill-ġdid kriterji kummerċjali kwalitattivi li jistgħu joħolqu kunflitti ta' interess jew inċentivi li jistgħu jwasslu lill-persuni rilevanti biex jiffavorixxu l-interessi personali tagħhom jew l-interessi tad-ditta tagħhom għad-detriment potenzjali ta' kwalunkwe klijent. Pereżempju, jekk ditta tuża s-sodisfazzjon tal-klijent bħala kriterju kwalitattiv fid-determinazzjoni tar-rimunerazzjoni varjabbli tal-persuni rilevanti, il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tiċċara kif id-ditta se tikkalkula l-prestazzjoni tal-persunal f'dan ir-rigward billi tindika liema *data* se tintuża, kwalunkwe limitu applikabbli, eċċ. sabiex tevita l-ħolqien ta' kriterju vag li jista' jintuża mid-ditta biex, minflok, tippremja l-bejgħ jew titfa' pressjoni fuq il-persunal tal-bejgħ biex ibigħ ċerti prodotti (avolja l-politika ta' rimunerazzjoni ma tkunx qed tindika tali kriterji kummerċjali kwalitattivi bħala indikaturi tal-prestazzjoni).

19. Dwar il-kriterji kwantitattivi, id-ditti għandhom jiżguraw li jqisu l-kriterji li ma joħolqux kunflitti ta' interess jew inċentivi li jistgħu jwasslu lill-persuni rilevanti biex jiffavorixxu l-interessi personali tagħhom jew l-interessi tad-ditta tagħhom għad-detriment potenzjali ta' kwalunkwe klijent. Pereżempju, id-ditti jistgħu jassenjaw objettivi ta' bejgħ lill-persunal sakemm tali objettivi kummerċjali ma joħolqux inċentiv għall-persunal tal-bejgħ biex jirrakkomanda biss ċerti prodotti għad-detriment tal-aqwa interessi tal-klijenti (pereżempju, prodotti tal-grupp jew dawk li jġibu l-aktar qligħ għad-ditta jew għall-grupp) u sakemm kwalunkwe kunflitt ta' interess li jifdal jiġi mitigat b'mod xieraq

permezz tal-użu ta' kriterji oħra tal-istess piż bħall-prestazzjoni tal-persunal rigward ir-rekwiżiti ta' adegwatezza jew is-sodisfazzjon tal-klijenti.

20. Il-piżijiet attribwiti lill-kriterji użati biex tiġi determinata r-rimunerazzjoni m'għandhomx jagħmlu uħud mill-kriterji, speċjalment dawk kwalitattivi, insinifikanti jew jagħtu lil oħrajn, speċjalment lil dawk kwantitattivi kummerċjali, wisq sinifikanza.

21. Meta jkunu qed ifasslu l-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, id-ditti għandhom iqisu l-fatturi rilevanti kollha bħal, iżda mhux limitati għal, ir-rwol li għandhom il-persuni rilevanti, it-tip ta' prodotti offruti, u l-metodi ta' distribuzzjoni (eż. b'konsulenza u mingħajr konsulenza, wiċċ imb wiċċ jew permezz tat-telekomunikazzjoni/komunikazzjoni elettronika) sabiex jipprevjenu r-riskji potenzjali tat-tmexxija tan-negozju u tal-kunflitti ta' interess milli jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tal-klijenti tagħhom u sabiex jiżguraw li d-ditta timmaniġġja b'mod xieraq kwalunkwe riskju relatat li jifdal.

22. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni stabbiliti għandhom jippermettu l-operazzjoni ta' politika flessibbli fuq ir-rimunerazzjoni varjabbli, inkluż, fejn rilevanti, il-possibbiltà li ma titħallas l-ebda rimunerazzjoni varjabbli.[6]

23. Dwar ir-rimunerazzjoni varjabbli, id-ditti għandhom jevitaw l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni li jistgħu jinċentivaw lill-persuni rilevanti biex jadottaw imġiba ffukata fuq il-qligħ fuq perjodu ta' żmien qasir biex jilħqu l-limiti rilevanti, bħall-"miri kollox jew xejn", meta dawk jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess jew ifixklu l-interessi tal-klijenti. Id-ditti għandhom jiffavorixxu l-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni li fihom il-parti varjabbli tar-rimunerazzjoni mħallsa tiġi kkalkolata u mogħtija fuq bażi lineari jew fejn il-parti varjabbli tiddependi fuq diversi miri ta' prestazzjoni stabbiliti f'livelli differenti u li jagħtu drittijiet għal ammonti differenti jew, preferibbilment, rati differenti ta' rimunerazzjoni varjabbli.

24. Meta jkunu qed ifasslu u jimplimentaw il-politiki ta' rimunerazzjoni tagħhom, id-ditti għandhom iqisu l-kunflitti ta' interess possibbli jew ir-riskji li jitfixklu l-interessi tal-klijenti li jirriżultaw mill-objettivi ta' bejgħ inkroċjat imposti fuq il-persuni rilevanti. Pereżempju, għandha tingħata attenzjoni speċifika għas-sitwazzjonijiet fejn il-persuni rilevanti jiġu mħeġġa jagħmlu l-għoti ta' kundizzjonijiet aħjar f'self ipotekarju lill-klijent dipendenti fuq il-kundizzjoni li dan il-klijent jixtri strument finanzjarju speċifiku li jkun parti mill-objettivi tal-bejgħ tal-persuna rilevanti.

25. Fid-dawl tad-definizzjoni wiesgħa ta' rimunerazzjoni pprovduta fir-Regolament Delegat tal-MiFID II, il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni tad-ditti għandhom jiżguraw ukoll li l-kriterji użati biex jiġu vvalutati ż-żidiet fil-paga u l-promozzjonijiet ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II. Pereżempju, is-sistemi ta' ġestjoni tal-progressjoni tal-karriera tad-ditti m'għandhomx jintużaw biex jintroduċu mill-ġdid kriterji kummerċjali kwantitattivi li fuqhom jista' jiddependi l-avvanz fil-karriera tal-persuni rilevanti u li għandhom impatt fuq ir-rimunerazzjoni (fissa u/jew varjabbli) tagħhom jekk

---

[6] Meta jkunu qed jiddeterminaw ir-rimunerazzjoni għall-aġenti abbinati, id-ditti jistgħu jqisu l-istatus speċjali tal-aġenti abbinati (normalment bħala aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom) u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali rispettivi.

dan jista' joħloq kunflitti ta' interess li jistgħu jinkoraġġixxu tali persuni rilevanti biex jaġixxu kontra l-interessi tal-klijenti tad-ditta tagħhom.

26. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ġenerali tal-liġi nazzjonali kuntrattwali u tax-xogħol, id-ditti għandhom jikkunsidraw l-inklużjoni ta' kriterji ta' aġġustament *ex post* tar-rimunerazzjoni varjabbli fil-politiki u fil-prattiki ta' rimunerazzjoni tagħhom sabiex ikomplu jiskoraġġixxu lill-persuni rilevanti milli jinjoraw l-interessi tal-klijent jew milli jiffavorixxu l-interessi tagħhom stess (pereżempju, billi jinvestu f'prodotti li jġibu aktar qligħ fuq żmien qasir iżda li għandhom aktar riskji fuq żmien twil jew li mhumiex adegwati għall-orizzont ta' investiment tal-klijent) sabiex jiksbu objettivi ta' prestazzjoni fuq żmien qasir. Il-kriterji ta' aġġustament *ex post* għandhom jippermettu lid-ditti jkomplu jallinjaw l-interessi tad-ditta u tal-persuni rilevanti ma' dawk tal-klijenti billi jaġġustaw ir-rimunerazzjoni varjabbli jekk każ ta' mġiba ħażina jqum wara li r-rimunerazzjoni tkun ingħatat jew tħallset. Sabiex tali kriterji jkunu effettivi, id-ditti għandhom iqisu, skont in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, inkluż fil-politiki u fil-prattiki ta' rimunerazzjoni tagħhom, mekkaniżmi ta' aġġustament *ex post* xierqa bħall-applikazzjoni tal-malus (jiġifieri t-tnaqqis fil-valur tar-rimunerazzjoni varjabbli differita kollha jew parti minnha bbażat fuq aġġustamenti tar-riskju *ex post* qabel ma tingħata) u tal-irkupri (jiġifieri r-ritorn tal-pussess ta' ammont tar-rimunerazzjoni varjabbli mħallsa fil-passat jew li diġà ngħatat lill-istituzzjoni taħt xi kundizzjonijiet).

27. Il-mekkaniżmi ta' aġġustament *ex post* imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandhom jiġu skattati minn avvenimenti rilevanti li jkollhom impatt fuq il-konformità tad-ditta jew tal-persuni rilevanti mad-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-MiFID II u l-atti delegati tagħha li huma diretti lejn it-trattament ġust tal-klijenti u l-kwalità tas-servizzi pprovduti lill-klijenti. L-avvenimenti rilevanti li jkollhom impatt fuq il-konformità tad-ditta jew tal-persuni rilevanti mar-regolamenti applikabbli m'għandhomx ikunu limitati għal dawk li jwasslu għal azzjoni superviżorja, għal multi jew għal sanzjonijiet iżda għandhom iqisu n-nuqqasijiet jew il-ksur ikkonfermati. Il-mekkaniżmi ta' aġġustament *ex post* għandhom ikunu applikati għall-persuni rilevanti li involvew ruħhom direttament f'imġiba ħażina iżda d-ditti għandhom ukoll iqisu jekk ikunx xieraq li japplikawhom ukoll għal grupp ikbar bħal għall-persuni rilevanti li r-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu l-oqsma fejn seħħew l-avvenimenti rilevanti.

28. L-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' aġġustament *ex post* għandha tqis is-serjetà ta' kwalunkwe nuqqas jew imġiba ħażina li kienu ta' xkiel għall-interessi tal-klijenti.

29. Sabiex il-mekkaniżmi ta' aġġustament *ex post* ikunu sinifikanti, id-ditti għandhom jikkunsidraw iħallsu r-rimunerazzjoni varjabbli parzjalment bil-quddiem u parzjalment b'mod differit, b'bilanċ xieraq bejn il-parti mħallsa bil-quddiem u dik differita, u skont skeda ta' differiment xierqa li tippermetti li l-interessi tal-persuni rilevanti u tad-ditti jkunu allinjati mal-interessi tal-klijenti.

30. Barra minn hekk, id-ditti għandhom jadottaw u jżommu l-miżuri li jippermettuhom jidentifikaw b'mod effettiv fejn il-persuna rilevanti ma taġixxix fl-aqwa interessi tal-klijent u li jippermettuhom jieħdu azzjoni rimedjali.

31. Il-persuni rilevanti għandhom jiġu informati b'mod ċar, mill-bidu nett, dwar il-kriterji li se jintużaw biex jiġi determinat l-ammont tar-rimunerazzjoni tagħhom, il-piż attribwit għal kull wieħed, il-konsegwenzi li jiġu jekk ma jissodisfawx wieħed jew l-ieħor u l-passi u ż-żmien tar-rieżami tal-prestazzjoni tagħhom. Il-kriterji użati mid-ditti biex jivvalutaw il-prestazzjoni tal-persuni rilevanti għandhom ikunu aċċessibbli, jinftiehmu u rreġistrati.

32. Id-ditti għandhom jevitaw il-ħolqien ta' politiki u prattiki kumplessi għalxejn (bħat-taħlit ta' politiki u prattiki differenti, jew skemi multidimensjonali jew b'diversi saffi, li jżidu r-riskju li l-imġiba tal-persuni rilevanti ma tkunx immexxija biex taġixxi fl-aqwa interessi tal-klijenti, u li kwalunkwe kontroll stabbilit ma jkunx daqshekk effettiv fl-identifikazzjoni tar-riskju ta' detriment għall-klijent). Dan jista' potenzjalment iwassal għal approċċi inkonsistenti u jxekkel l-għarfien jew il-kontroll xieraq tal-politiki mill-funzjoni tal-konformità. L-Anness ta' dawn il-linji gwida jistabbilixxi eżempji illustrattivi ta' politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li joħolqu riskji li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu ġestiti minħabba l-kumplessità tagħhom, u li jagħtu inċentivi b'saħħithom biex jinbiegħu prodotti speċifiċi.

33. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-miżuri organizzazzjonali li jadottaw rigward it-tnedija ta' prodotti jew servizzi ġodda jqisu b'mod xieraq il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni tagħhom u r-riskji li jistgħu joħolqu dawn il-prodotti jew servizzi. B'mod partikolari, qabel ma jniedu prodott ġdid, id-ditti għandhom jivvalutaw jekk il-karatteristiċi ta' rimunerazzjoni relatati mad-distribuzzjoni ta' dak il-prodott jikkonformawx mal-politiki u mal-prattiki ta' rimunerazzjoni tad-ditta u għalhekk ma joħolqux riskji ta' tmexxija tan-negozju u ta' kunflitti ta' interess. Dan il-proċess għandu jiġi dokumentat b'mod xieraq mid-ditti.

34. Sabiex jevitaw il-kunflitti ta' interess fir-rigward tar-rwol tagħhom fit-tfassil u/jew fis-superviżjoni tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni tad-ditta, fit-tfassil tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni applikabbli għall-funzjonijiet ta' kontroll (immaniġġjar tar-riskju u funzjonijiet ta' awditjar intern, fejn stabbiliti)[7], il-korp maniġerjali u d-diriġenti prinċipali tad-ditta m'għandhomx jikkompromettu l-oġġettività u l-indipendenza tagħhom.

35. Għalhekk, ir-rimunerazzjoni tal-persunal tal-funzjonijiet ta' kontroll għandha tkun ibbażata fuq objettivi speċifiċi għall-funzjoni. Barra minn hekk, il-parti varjabbli tar-rimunerazzjoni tal-persunal fil-funzjonijiet ta' kontroll, jekk ikun hemm, m'għandhiex tkun marbuta mal-prestazzjoni kummerċjali kwantitattiva tal-persuni rilevanti li tagħhom jieħdu ħsieb it-tfassil u/jew il-kontroll tar-rimunerazzjoni. Fejn ir-rimunerazzjoni tal-persunal tal-funzjonijiet ta' kontroll tinkludi komponent ibbażat fuq il-prestazzjoni kummerċjali tad-ditta (eż. il-volum tal-bejgħ), ir-riskji tal-kunflitti ta' interess jistgħu jiżdiedu u għandhom jiġu indirizzati b'mod xieraq permezz tal-użu ta' kriterji kwalitattivi ta' prestazzjoni jew ta' aġġustament xierqa.

36. Fejn id-ditti għandhom il-permess jgħaqqdu funzjonijiet ta' kontroll intern ma' funzjonijiet operazzjonali, huma madankollu jibqgħu soġġetti għall-obbligi tal-kunflitt ta' interess u tat-tmexxija tan-negozju tal-MiFID II. Għalhekk, il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni applikabbli għalihom għandhom madankollu jippermettu li tali funzjonijiet ta' kontroll

---

[7] L-Artikolu 22(3)(e) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II japplika fir-rigward tal-funzjoni ta' konformità.

intern jibqgħu effettivi (kif previst fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II għall-funzjoni ta' konformità).

37. Id-ditti għandhom ukoll jiżguraw li l-istruttura ta' rimunerazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-diriġenti prinċipali tad-ditta, kif ukoll il-kriterji użati biex jivvalutaw il-prestazzjoni, m'għandhomx joħolqu kunflitti ta' interess jew inċentivi li jistgħu jwasslu lill-membri tal-korp maniġerjali jew lid-diriġenti prinċipali jew lill-persuni rilevanti fid-ditta biex jiffavorixxu l-interessi tagħhom stess jew l-interessi tad-ditta għad-detriment potenzjali ta' kwalunkwe klijent.

38. Il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni applikabbli għall-persuni rilevanti (inklużi l-copy-traders, fejn applikabbli) li mhumiex impjegati tad-ditta iżda madankollu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II għax huma:

i) persuna fiżika li s-servizzi tagħha huma mqiegħda għad-dispożizzjoni u taħt il-kontroll tad-ditta jew ta' aġent marbut mad-ditta u li hi involuta fil-forniment mid-ditta ta' servizzi u attivitajiet tal-investiment[8]; jew

ii) persuna fiżika li hi direttament involuta fil-forniment ta' servizzi lid-ditta jew lill-aġent marbut tagħha taħt arranġament ta' esternalizzazzjoni għall-fini tal-forniment mid-ditta ta' servizzi u attivitajiet tal-investiment[9],

għandhom ukoll ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni tal-MiFID II u ma' dawn il-linji gwida.

39. Eżempji ta' prattika tajba:

a. Ir-referenzi użati fil-kalkolu tar-rimunerazzjoni varjabbli tal-persuni rilevanti huma komuni fil-prodotti kollha mibjugħa.

b. Fil-każ ta' investiment mhux limitat mingħajr ebda terminu ta' investiment, ir-rimunerazzjoni tiġi differita għal numru stabbilit ta' snin jew sakemm ma jissarraf il-prodott.

40. Eżempji ta' prattika ħażina:

a. Ditta bdiet toffri lill-konsulenti rimunerazzjoni addizzjonali speċifika biex tinkoraġġixxi lill-klijenti japplikaw għal prodotti ta' fondi ġodda li fihom id-ditta għandha interess speċifiku. Dan sikwit jinvolvi li l-persuna rilevanti jkollha tissuġġerixxi lill-klijenti biex ibigħu l-prodotti li kieku kienu jirrakkomandaw li jżommu biex ikunu jistgħu jinvestu f'dawn il-prodotti ġodda.

b. Il-maniġers u l-impjegati jirċievu bonus kbir marbut ma' prodott speċifiku. Bħala riżultat, il-konsulenti tad-ditta jirrakkomandaw dan il-prodott speċifiku irrispettivament mill-adegwatezza ta' dan il-prodott għall-klijenti indirizzati.10 It-twissijiet mill-maniġer tar-riskju jiġu injorati għax il-prodotti ta' investiment joħolqu qligħ kbir għad-ditta. Meta r-

[8] L-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.
[9] L-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.
[10] F'dak il-każ, id-ditta tkun qed tikser ukoll ir-rekwiżiti ta' adegwatezza applikabbli.

riskji li kienu ġew identifikati jseħħu, il-prodotti jkunu diġà ġew mibjugħa u l-bonuses diġà ġew imħallsa.

c. Il-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni totali huwa bbażat biss fuq il-volumi mibjugħa, u jġiegħel lill-persuna rilevanti tiffoka aktar fuq il-qligħ fuq żmien qasir minflok fuq l-aqwa interessi tal-klijent.

d. Il-persuni rilevanti jinvolvu ruħhom f'xiri u f'bejgħ frekwenti ta' strumenti finanzjarji fil-portafoll tal-klijent sabiex jiksbu rimunerazzjoni addizzjonali mingħajr ma jqisu l-adegwatezza ta' din l-attività għall-klijent. Bl-istess mod, iktar milli jqisu l-adegwatezza ta' prodott għal klijent, il-persuni rilevanti jiffukaw fuq il-bejgħ tal-prodotti li għandhom terminu ta' investiment qasir sabiex jiksbu r-rimunerazzjoni mill-investiment mill-ġdid tal-prodott wara l-perjodu ta' żmien qasir.

e. Il-ksur regolatorju skont il-MiFID II u l-atti delegati tagħha li jfixkel l-interessi tal-klijenti jiġi identifikat mill-awtorità kompetenti li tissorvelja d-ditta iżda l-ebda sanzjoni finanzjarja ma tiġi imposta fuq id-ditta peress li n-nuqqas ta' konformità ġie rrimedjat minn dak iż-żmien. Id-ditta tiddeċiedi li talloka r-rimunerazzjoni massima fissa u varjabbli għas-sena lill-membri tal-bord tagħha fuq il-bażi li l-kriterji l-oħra ġew issodisfati u b'hekk ma tqajjimx il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità tad-ditta mal-obbligi regolatorji tagħha u r-rwol tal-membri tal-bord tagħha fih.

## V.II GOVERNANZA

**<u>Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 9(3) tal-MiFID II u l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II</u>**

*Linja Gwida 2*

41. Minbarra r-rieżami perjodiku tal-politika ta' rimunerazzjoni bil-miktub tagħhom[11], id-ditti għandhom ukoll jirrieżaminawha ma' kwalunkwe emenda rilevanti u sinifikanti li ssir fl-attivitajiet jew fl-istruttura tan-negozju tagħhom. Fejn ir-rieżami jikxef li l-politika ta' rimunerazzjoni ma toperax kif maħsuba jew li hemm riskju residwu ta' detriment għall-klijenti tad-ditta li jirriżulta minnha (kemm jekk seħħ kif ukoll jekk le), il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tiġi emendata fi żmien u b'mod xieraq.

42. Dokumentazzjoni xierqa dwar il-politika ta' rimunerazzjoni kif ukoll dwar il-proċess u l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jwasslu għall-approvazzjoni jew għall-emenda tagħha għandha tinżamm b'mod ċar u trasparenti u titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-korp maniġerjali u tad-diriġenti prinċipali kif ukoll tal-funzjonijiet ta' kontroll oħra involuti fit-tfassil, fil-monitoraġġ u/jew fir-rieżami tal-politika u tal-proċeduri ta' rimunerazzjoni.

43. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-funzjoni ta' konformità għandha aċċess għad-dokumenti u għall-informazzjoni rilevanti kollha li jippermettiha twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 22(3)(a) dwar il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni relatati

[11] F'konformità mal-Artikolu 9(3) tal-MiFID II u l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

mal-persuni rilevanti, inklużi l-membri tal-korp maniġerjali u d-diriġenti prinċipali, b'mod xieraq u indipendenti.

44. Id-ditti għandhom ukoll jiżguraw li l-korp maniġerjali tagħhom, wara li jieħu l-parir tal-funzjoni ta' konformità, japprova kwalunkwe emenda sinifikanti magħmula fuq il-politika ta' rimunerazzjoni tad-ditta.

45. Skont id-daqs tad-ditta u l-kumplessità tal-mudell kummerċjali tagħha u tas-servizzi u tal-attivitajiet ta' investiment ipprovduti, ir-rieżami tal-politika ta' rimunerazzjoni tista' teħtieġ ukoll l-involviment ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra (bħall-immaniġġjar tar-riskju u/jew il-funzjonijiet ta' awditjar intern) biex jiġi żgurat li qed jintużaw kriterji xierqa ta' prestazzjoni u ta' aġġustament tar-riskju.

46. Id-diriġenti prinċipali huma responsabbli u għandhom ikollhom ir-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni ta' kuljum tal-politika ta' rimunerazzjoni u tal-monitoraġġ tar-riskji ta' konformità relatati mal-politika.

47. Id-ditti għandhom jiżguraw li jkollhom linji ta' rappurtaġġ xierqa u trasparenti stabbiliti fid-ditta jew fil-grupp biex jgħinu biex itellgħu kwistjonijiet li jinvolvu r-riskji ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni, tal-kunflitti ta' interess u tat-tmexxija tan-negozju tal-MiFID II.

## V.III KONTROLL TAR-RISKJI RELATATI MAL-POLITIKI U MAL-PRATTIKI TA' RIMUNERAZZJONI

**<u>Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 9(3) tal-MiFID II u l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II</u>**

*Linja Gwida 3*

48. Id-ditti għandhom jistabbilixxu kontrolli xierqa biex jivvalutaw il-konformità mal-politiki u mal-prattiki ta' rimunerazzjoni tagħhom u biex jiżguraw li dawn iġibu r-riżultati maħsuba. Il-kontrolli għandhom ikunu implimentati fid-ditta kollha u jkunu soġġetti għal rieżami perjodiku. Tali kontrolli għandhom jinkludu l-valutazzjoni tal-kwalità tas-servizz ipprovdut lill-klijent - pereżempju, il-monitoraġġ tat-telefonati għall-bejgħ bit-telefon, il-kampjunar tal-pariri u tal-portafolli tal-klijent ipprovduti biex tiġi vverifikata l-adegwatezza jew il-ħarsa lejn dokumentazzjoni oħra tal-klijenti fuq bażi perjodika.

49. Sabiex iwettqu tali kontrolli b'mod effettiv u bbażat fuq ir-riskju, id-ditti għandhom jużaw firxa wiesgħa ta' informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tan-negozju u t-tendenzi tal-bejgħ, inkluż l-analiżi tax-xejriet u tal-kawża ewlenija, sabiex jidentifikaw iż-żoni ta' riskju miżjud u biex jappoġġjaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-monitoraġġ tal-bejgħ, b'fokus partikolari fuq il-persuni rilevanti bi prestazzjoni għolja (dwar il-bejgħ, pereżempju).

50. Id-ditti għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' tali analiżi u kontrolli jiġu dokumentati u rapportati b'mod ċar lid-diriġenti prinċipali flimkien mal-proposti għal azzjoni korrettiva, jekk meħtieġa. Il-funzjoni ta' konformità għandha tgħin ukoll lid-diriġenti prinċipali fil-monitoraġġ effettiv tar-riskji ta' konformità relatati mal-politika ta' rimunerazzjoni tad-

ditta (ibbażata wkoll fuq il-kontrolli *ex post* imwettqa f'konformità ma' din il-linja gwida). Fejn id-detriment potenzjali jew reali ta' klijent jista' jitqajjem bħala riżultat ta' karatteristiċi speċifiċi fil-politiki u fil-prattiki ta' rimunerazzjoni, id-ditti għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jimmaniġġjaw ir-riskji potenzjali tat-tmexxija tan-negozju u tal-kunflitti ta' interess billi jirrieżaminaw u/jew jemendaw dawn il-karatteristiċi speċifiċi, u jistabbilixxu kontrolli u mekkaniżmi ta' rapportaġġ xierqa għat-teħid ta' azzjoni xierqa biex itaffu r-riskji potenzjali tat-tmexxija tan-negozju u tal-kunflitti ta' interess.

51. Meta jesternalizzaw il-provvista tas-servizzi ta' investiment, id-ditti għandhom iżommu f'moħħhom l-aqwa interessi tal-klijent. Fejn ditta qed tfittex li tuża ditta oħra għall-provvista ta' servizzi, għandha tivverifika li l-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni tad-ditta l-oħra jsegwu approċċ konsistenti ma' dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, id-ditti għandhom jevitaw l-istabbiliment ta' strutturi ta' esternalizzazzjoni jew ta' distribuzzjoni wisq ikkumplikati (inkluż permezz tal-użu tal-aġenti abbinati) fejn il-politiki jew il-prattiki ta' rimunerazzjoni applikabbli għal tali strutturi jagħmluha diffiċli għad-ditta biex timmonitorja r-riskji ta' konformità ma' dawn il-linji gwida u mal-politiki u mal-proċeduri tal-kunflitti ta' interess u tat-tmexxija tan-negozju fil-qasam tar-rimunerazzjoni jew iżidu r-riskju ta' detriment għall-interessi tal-klijenti.

52. Id-ditti għandhom jiżguraw li jivvalutaw, fuq bażi regolari, jekk l-għodod ta' ġestjoni tal-informazzjoni li jużaw jaqbdux b'mod xieraq id-*data* kwalitattiva meħtieġa biex jiddeterminaw ir-rimunerazzjoni varjabbli li jħallsu lill-persuni rilevanti.

53. Eżempji ta' prattika tajba:

   a. Sabiex tivvaluta jekk l-iskemi ta' inċentivi tagħha humiex xierqa, ditta twettaq programm biex tikkuntattja kampjun ta' klijenti ftit wara t-tlestija ta' bejgħ li jinvolvi proċess ta' bejgħ wiċċ imb wiċċ fejn ma tkunx tista' timmonitorja konverżazzjonijiet ta' bejgħ permezz tat-telefon irrekordjati, sabiex tittestja jekk il-bejjiegħ aġixxiex b'mod onest, ġust u professjonali f'konformità mal-aqwa interessi tal-klijent.

   b. L-impjegati bi qligħ u prestazzjoni għoljin jiġu rikonoxxuti li huma potenzjalment ta' riskju akbar u, bħala riżultat, jiġu soġġetti għal aktar skrutinju; u l-informazzjoni bħar-riżultati ta' konformità, l-ilmenti u d-*data* ta' kanċellazzjoni preċedenti tintuża biex tidderiġi l-kontroll tal-konformità. Ir-riżultati għandhom impatt fuq it-tfassil/ir-rieżami tal-politika u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni.

54. Eżempju ta' prattika ħażina:

   a. Ditta tistrieħ prinċipalment fuq *data* kummerċjali kwantitattiva bħala l-kriterji għall-valutazzjoni tar-rimunerazzjoni varjabbli.

   b. Id-diriġenti prinċipali stabbilixxew diversi għanijiet strateġiċi li d-ditta trid tilħaq f'sena partikolari. L-għanijiet kollha jidhru li qed jiffukaw biss fuq aspetti finanzjarji jew kummerċjali mingħajr ma jqisu d-detriment potenzjali għall-klijenti tad-ditta. Il-politika ta' rimunerazzjoni se tikkonforma ma' dawn l-għanijiet strateġiċi u għalhekk se jkollha fokus qawwi finanzjarju u kummerċjali fuq perjodu ta' żmien qasir.

c. Minkejja l-kura li ngħatat fit-tfassil u fil-valutazzjoni tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni, xi politiki u prattiki għadhom iwasslu għad-detriment tal-klijent, filwaqt li joħolqu riskji li jeħtieġ li jiġu identifikati u jittaffew.

d. Biex tiddistribwixxi l-prodotti tagħha, ditta tistrieħ fuq network ta' bejgħ fuq diversi livelli li jikkonsisti biss f'persunal jew f'distributuri terzi li jiġu rimunerati skont il-volum ta' tranżazzjonijiet tal-klijenti miġjuba direttament minnhom stess, u l-klassifikazzjoni tagħhom fl-istruttura ta' bejgħ tad-ditta, b'effett ta' ingranaġġ skont in-numru ta' livelli tad-distribuzzjoni taħt u n-numru ta' distributuri f'kull livell.12 Tali strutturi ta' bejgħ, flimkien mal-politiki u mal-prattiki ta' rimunerazzjoni deskritti hawn fuq, jistgħu jagħmluha diffiċli għad-ditta biex timmonitorja r-riskji ta' konformità ma' dawn il-linji gwida għal kull livell (speċjalment l-aktar remoti) u għall-istruttura kollha.

55. L-Anness ta' dawn il-linji gwida jinkludi eżempji illustrattivi ta' politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li joħolqu inċentivi b'saħħithom għall-bejgħ ta' prodotti speċifiċi u li għalihom id-ditti għalhekk ikollhom diffikultajiet biex juru l-konformità mar-rekwiżiti tal-MiFID. Ir-riskji tat-tmexxija tan-negozju u tal-kunflitti ta' interess relatati ma' tali eżempji għandhom jitqiesu mid-ditti meta jkunu qed ifasslu u jimplimentaw il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni tagħhom.

[12] F'tali strutturi ta' bejgħ, gruppi fuq diversi livelli ta' individwi huma kkoordinati minn individwu ieħor imsejjaħ "superviżur" jew "maniġer" li huwa responsabbli mill-appoġġ, mit-taħriġ, mill-koordinazzjoni u mis-superviżjoni tal-istruttura. Dawn is-superviżuri u l-maniġers għandhom ukoll il-kompitu li jirreklutaw individwi oħra.

## VI. Anness - Eżempji illustrattivi tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni li joħolqu kunflitti li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu mmaniġġjati

1. Ċerti karatteristiċi tar-rimunerazzjoni (pereżempju, il-bażi għall-paga, it-tmexxija ta' kompetizzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni għall-persuni rilevanti) jinvolvu riskju akbar ta' ħsara potenzjali lill-klijenti minn oħrajn (b'mod speċifiku dawk li jinkludu karatteristiċi li jistgħu jkunu ġew imfassla biex jaffettwaw l-imġiba tal-persuni rilevanti, speċjalment it-tim tal-bejgħ). Eżempji ta' politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni ta' riskju għoli li ġeneralment se jkunu diffiċli biex jiġu mmaniġġjati, u fejn ikun diffiċli għal ditta li turi l-konformità mal-MiFID II, jinkludu:

2. L-inċentivi li jistgħu jinfluwenzaw lill-persuni rilevanti biex ibigħu, jew "jippromwovu", prodott jew kategorija ta' prodott partikolari minflok oħrajn jew biex jagħmlu akkwisti jew bejgħ mhux neċessarji/mhux adegwati għall-investitur: speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn ditta tniedi prodott ġdid jew tippromwovi prodott speċifiku (eż. il-prodott tax-xagħar jew "prodotti li jsiru internament") u tinċentiva lill-persuni rilevanti biex ibigħu dak il-prodott speċifiku. Fejn l-inċentiva hija differenti għal tipi differenti ta' prodotti, hemm riskju għoli li l-persuni rilevanti se jiffavorixxu l-bejgħ ta' prodott li jirriżulta f'rimunerazzjoni ogħla minflok ta' prodott ieħor mingħajr ma jqisu b'mod xieraq dak li hu fl-aqwa interessi tal-klijent.

    a. Eżempju: Ditta għandha politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni marbutin mal-bejgħ individwali tal-prodotti fejn il-persuna rilevanti tirċievi livelli differenti ta' inċentivi skont il-prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti speċifiċi li tbigħ.

    b. Eżempju: Ditta għandha politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni marbutin mal-bejgħ individwali tal-prodotti, fejn il-persuna rilevanti tirċievi l-istess livell ta' inċentiv fuq firxa ta' prodotti. Madankollu, f'ċerti żminijiet limitati, biex tikkoinċidi mal-attività promozzjonali jew ta' kummerċjalizzazzjoni, id-ditta żżid l-inċentiv imħallas fuq il-bejgħ ta' ċerti prodotti.

    c. Eżempju: L-inċentivi li jistgħu jinfluwenzaw lill-persuni rilevanti (li jistgħu jiġu rimunerati biss b'kummissjoni, pereżempju) biex ibigħu il-unit trusts minflok l-investiment trusts – fejn iż-żewġ prodotti jistgħu jkunu adegwati bl-istess mod għall-klijenti - għax il-bejgħ tal-unit trusts iħallas kummissjonijiet sostanzjalment ogħla.

3. Rekwiżiti mhux xierqa li jaffettwaw jekk l-inċentivi jitħallsux: il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni li jinkludu, pereżempju, rekwiżit biex tinkiseb kwota għal-livelli minimi ta' bejgħ fuq firxa ta' prodotti sabiex jinkiseb kwalunkwe bonus ikunu inkompatibbli mad-dover li jaġixxu skont l-aqwa interessi tal-klijent. Il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati qabel ma titħallas inċentiva jistgħu jinfluwenzaw lill-persuni rilevanti biex ibigħu b'mod mhux xieraq. Pereżempju, fejn l-ebda bonus ma jista' jittieħed fuq il-bejgħ sakemm ma tintlaħaqx mira minima għal kull wieħed mid-diversi tipi differenti ta' prodotti, dan jista' jaffettwa jekk il-prodotti adegwati jiġux rakkomandati. Eżempju ieħor hu fejn isir tnaqqis fuq il-bonus jew fuq il-pagamenti tal-inċentivi li jkunu ttieħdu għax mira jew limitu sekondarju ma ntlaħqux.

a. Eżempju: Ditta għandha persuni rilevanti li jbigħu firxa ta' prodotti li jaqdu l-ħtiġijiet differenti tal-klijenti, u l-firxa ta' prodotti tinqasam fi tliet "gruppi" ibbażati fuq it-tip tal-ħtieġa tal-klijent. Il-persuni rilevanti jistgħu jakkumulaw il-pagamenti ta' inċentiv għal kull prodott mibjugħ, iżda fl-aħħar ta' kull perjodu ta' kull xahar l-ebda pagament ta' inċentiv ma jsir jekk ma laħqux mill-inqas 50 % tal-miri tal-bejgħ stabbiliti għal kull "grupp".

b. Eżempju: Ditta tbigħ prodotti b'firxa ta' karatteristiċi "addizzjonali" fakultattivi. Il-persuna rilevanti tirċievi pagamenti ta' inċentiv għal kull bejgħ, b'pagament addizzjonali jekk il-klijent jixtri karatteristika addizzjonali. Madankollu, fl-aħħar ta' kull perjodu ta' kull xahar ma jsir l-ebda pagament ta' inċentiv jekk ma laħqux rata ta' penetrazzjoni ta' mill-inqas 50 % tal-prodotti mibjugħa b'karatteristika addizzjonali.

4. Salarji varjabbli fejn l-arranġamenti jvarjaw il-paga bażi ('il fuq jew 'l isfel) għall-persuni rilevanti abbażi tal-prestazzjoni kontra l-miri tal-bejgħ: f'tali każijiet, is-salarju kollu tal-persuna rilevanti jista' jsir – fil-fatt – rimunerazzjoni varjabbli.

   a. Eżempju: Ditta se tnaqqas is-salarju bażiku ta' persuna rilevanti b'mod sostanzjali jekk hu jew hi ma jilħaqx il-miri tal-bejgħ speċifiċi. Għalhekk, hemm riskju li hu jew hi se jagħmel bejgħ mhux xieraq biex jevita dan l-eżitu. Bl-istess mod, il-persuni rilevanti jistgħu jiġu motivati ħafna biex ibigħu bil-prospett li jżidu s-salarju bażiku u l-benefiċċji assoċjati.

5. Politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li joħolqu redditu sproporzjonat għall-bejgħ marġinali: fejn il-persuni rilevanti jeħtieġ li jiksbu livell minimu ta' bejgħ qabel ma jkunu jistgħu jieħdu l-pagamenti ta' inċentiv, jew qabel mal-inċentivi jiżdiedu, ir-riskju jiżdied. Eżempju ieħor huwa l-iskemi li jinkludu "aċċeleraturi" fejn il-qbiż ta' limitu jżid il-proporzjon tal-bonus meħud. F'ċerti każijiet, l-inċentivi huma pagabbli b'mod retroattiv abbażi tal-bejgħ kollu minflok biss fuq dawk li jaqbżu limitu, li potenzjalment joħloq inċentivi sinifikanti għall-persuni rilevanti biex ibigħu prodotti partikolari f'ċirkostanzi partikolari.

   a. Eżempju: Ditta tagħmel pagamenti ta' inċentiv aċċellerati lill-persuni rilevanti għal kull prodott mibjugħ matul perjodu trimestrali kif ġej:

      - 0-80 % tal-mira — l-ebda pagament
      - 80-90 % tal-mira — € 50 għal kull bejgħ
      - 91-100 % tal-mira — € 75 għal kull bejgħ
      - 101-120 % tal-mira — € 100 għal kull bejgħ
      - >120 % tal-mira — € 125 għal kull bejgħ

      Dan l-eżempju jista' japplika wkoll fejn il-persuna rilevanti tirċievi sehem dejjem akbar tal-kummissjoni jew tad-dħul ġenerat.

   b. Eżempju: Ditta għandha l-istess skala aċċellerata bħad-ditta fl-eżempju ta' qabel, iżda ż-żieda fil-pagamenti għal kull bejgħ tiġi applikata b'mod retroattiv għall-bejgħ kollu fit-

trimestru, eż. malli jinqabeż il-91 % tal-mira l-pagamenti ta' inċentiv akkumulati sa' dak iż-żmien bir-rata ta € 50 għal kull bejgħ jiżdiedu għal € 75 għal kull bejgħ. Dan joħloq serje ta' punti "cliff edge", fejn bejgħ wieħed addizzjonali meħtieġ biex tintlaħaq faxxa ta' mira ogħla jikkawża żieda sproporzjonata fil-pagament ta' inċentiv.

## VII. Tabella ta' korrelazzjoni bejn l-abbozz tal-linji gwida "ġodda" u l-linji gwida tal-2013

| Linji Gwida ġodda | Linji Gwida tal-2013 |
|---|---|
| **Tfassil tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni**<br><br>Linja Gwida 1 | **V.I Governanza u tfassil tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni fil-kuntest tar-rekwiżiti tat-tmexxija tan-negozju u tal-kunflitti ta' interess tal-MiFID** |
| **Governanza**<br><br>Linja Gwida 2 | |
| **Kontroll tar-riskji li jinħolqu mill-politiki u mill-prattiki ta' rimunerazzjoni**<br><br>Linja Gwida 3 | **V.II. Kontroll tar-riskji li jinħolqu mill-politiki u mill-prattiki ta' rimunerazzjoni** |
| mhux applikabbli | **V.III. Linja gwida dwar is-superviżjoni u l-infurzar tal-awtoritajiet kompetenti tal-politiki u tal-prattiki ta' rimunerazzjoni** |